DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1910

tas-17 ta' Ottubru 2017

li temenda d-Deċiżjoni 93/52/KEE rigward l-istat ta' ħelsien mill-bruċelloża (*B. melitensis*) f'ċerti reġjuni ta' Spanja, id-Deċiżjoni 2003/467/KE rigward l-istat uffiċjali ta' ħelsien mill-bruċelloża bovina f'Ċipru u f'ċerti reġjuni ta' Spanja, u dwar l-istat uffiċjali ta' ħelsien mil-lewkoża enzootika bovina fl-Italja u d-Deċiżjoni 2005/779/KE rigward l-istat ta' ħelsien mill-marda vexxikulari tal-ħnieżer fir-reġjun tal-Campania tal-Italja

(notifikata bid-dokument C(2017) 6891)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-paragrafu 7 tal-Anness A.II u t-Taqsima E tal-Kapitolu I tal-Anness D tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż ([3]), u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 1 tal-Anness A tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/68/KEE tiddefinixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ tan-nagħaġ u tal-mogħoż fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom jistgħu jitqiesu uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*Brucella melitensis*).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE ([4]) tistipula li r-reġjuni tal-Istati Membri msemmija fl-Anness II tagħha huma meqjusin uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE.

(3) Spanja ressqet dokumentazzjoni quddiem il-Kummissjoni li tixhed il-konformità tal-Komunitajiet Awtonomi ta' La Rioja u ta' Valenzja u tal-Provinċji ta' Albacete, Cuenca u Guadalajara tal-Komunità Awtonoma ta' Kastilja-La Mancha mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE biex jitqiesu uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet ovini u kaprini.

(4) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa minn Spanja, jenħtieġ li l-Komunitajiet Awtonomi ta' La Rioja u ta' Valenzja u tal-Provinċji ta' Albacete, Cuenca u Guadalajara tal-Komunità Awtonoma ta' Kastilja-La Mancha jitqiesu uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) fir-rigward tal-merħliet ovini u kaprini.

(5) Għalhekk l-entrata għal Spanja fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(6) Id-Direttiva 64/432/KEE tapplika għall-kummerċ tal-annimali bovini u suwini fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom Stat Membru jew reġjun tiegħu jista' jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mill-bruċelloża jew uffiċjalment ħieles mil-lewkoża enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini.

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċelloża (*B. melitensis*) u li taħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda (ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14).

(7) Id-Deċiżjoni 2003/467/KE [1] tistipula li l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li huma elenkati rispettivament fil-Kapitoli 1 u 2 tal-Anness II tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mill-brużelloża fir-rigward tal-merħliet bovini. Id-Deċiżjoni 2003/467/KE tistipula wkoll li l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom li huma elenkati rispettivament fil-Kapitoli 1 u 2 tal-Anness III tagħha jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini.

(8) Ċipru ressaq dokumentazzjoni quddiem il-Kummissjoni li tixhed il-konformità tat-territorju kollu tiegħu mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet bovini.

(9) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa minn Ċipru, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jitqies uffiċjalment ħieles mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet bovini u elenkat kif xieraq fil-Kapitolu 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE.

(10) Spanja ressqet dokumentazzjoni quddiem il-Kummissjoni li tixhed il-konformità tal-Komunitajiet Awtonomi tal-Katalonja, ta' Kastilja-La Mancha u tal-Galicja u tal-Provinċja ta' Zamora tal-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León, mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex jiġu ddikjarati uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet bovini.

(11) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa minn Spanja, jenħtieġ li l-Komunitajiet Awtonomi tal-Katalonja, ta' Kastilja-La Mancha u tal-Galicja u tal-Provinċja ta' Zamora tal-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León jiġu ddikjarati reġjuni uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet bovini u elenkati kif xieraq fil-Kapitolu 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE.

(12) Attwalment ċerti reġjuni tal-Italja huma elenkati fil-Kapitolu 2 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE reġjuni uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża enzootika bovina. L-Italja issa resqet dokumentazzjoni quddiem il-Kummissjoni li tixhed il-konformità tat-territorju kollu tagħha mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE biex tiġi ddikjarata uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini.

(13) Wara l-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa mill-Italja, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mil-lewkoża enzootika bovina fir-rigward tal-merħliet bovini, jiġi elenkat kif xieraq fil-Kapitolu 1 tal-Anness III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE u jitħassru r-referenzi għal ċerti reġjuni ta' dak l-Istat Membru fil-Kapitolu 2 tal-Anness.

(14) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jiġu emendati skont dan.

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/779/KE [2] ġiet adottata wara tifqigħat tal-marda vexxikulari tal-ħnieżer fl-Italja. Din tistipula regoli dwar is-saħħa tal-annimali rigward il-marda vexxikulari tal-ħnieżer għar-reġjuni ta' dak l-Istat Membru li huma meqjusin ħielsa mill-marda vexxikulari tal-ħnieżer u li huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, u anke għar-reġjuni ta' dak l-Istat Membru li mhumiex meqjusin ħielsa minn dik il-marda u li huma elenkati fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.

(16) Għal diversi snin fl-Italja ġie implimentat programm għall-eradikazzjoni u l-monitoraġġ tal-marda vexxikulari tal-ħnieżer bil-għan li r-reġjuni kollha ta' dak l-Istat Membru jiksbu l-istat ta' ħielsa mill-marda vexxikulari tal-ħnieżer. L-Italja ressqet informazzjoni ġdida quddiem il-Kummissjoni fir-rigward tal-istat ta' ħelsien mill-marda vexxikulari tal-ħnieżer fir-reġjun tal-Campania, li turi li din il-marda nqerdet minn dak ir-reġjun.

(17) Wara l-eżami tal-informazzjoni mressqa mill-Italja, jenħtieġ li r-reġjun tal-Campania jitqies ħieles mill-marda vexxikulari tal-ħnieżer u li dak ir-reġjun jitħassar mil-lista fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2005/779/KE u minflok jiġi elenkat fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni.

(18) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2005/779/KE jiġu emendati skont dan.

(19) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulosi, bruċellosi u lewkoża bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/779/KE tat-8 ta' Novembru 2005 dwar miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa tal-annimali kontra l-marda vesikulari tal-ħnieżer fl-Italja (ĠU L 293, 9.11.2005, p. 28).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2005/779/KE huma emendati skont l-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE, l-entrata għal Spanja tinbidel b'dan li ġej:

"Fi Spanja:

— Il-Komunità Awtonoma tal-Asturji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Cantabria,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja-La Mancha: il-Provinċji ta' Albacete, Cuenca u Guadalajara,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Extremadura,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Galicja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' La Rioja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Navarra,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja.".

ANNESS II

L-Annessi II u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness II huwa emendat kif gej:

(a) Il-Kapitolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"**KAPITOLU 1**

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
FR	Franza
CY	Ċipru
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
MT	Malta
NL	In-Netherlands
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja";

(b) Fil-Kapitolu 2, l-entrata għal Spanja tinbidel b'dan li ġej:

"Fi Spanja:

— Il-Komunità Awtonoma tal-Asturji,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja-La Mancha,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Kastilja u León: Il-Provinċji ta' Burgos, Soria, Valladolid u Zamora,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Katalonja,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Galicja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' La Rioja,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Murcia,

— Il-Komunità Awtonoma ta' Navarra,

— Il-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask.";

(2) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Kapitolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"**KAPITOLU 1**

Stati Membri uffiċjalment ħielsa mil-lewkosi bovina enzootika

Kodiċi ISO	Stat Membru
BE	Il-Belġju
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
ES	Spanja
IT	L-Italja
CY	Ċipru
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
NL	In-Netherlands
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Iżvezja
UK	Ir-Renju Unit";

(b) Fil-Kapitolu 2, titħassar l-entrata għall-Italja.

ANNESS III

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2005/779/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, tiddaħħal l-entrata li ġejja bejn l-entrata għall-Basilicata u l-entrata għall-Emilia-Romagna:

"— il-Campania";

(2) Fl-Anness II, titħassar l-entrata għall-Campania.